**KUNSILL LOKALI NADUR**

**Minuti tal- Wieħed u Erbghin (41) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**

**L-Gimgħa, 15 ta' Diċembru, 2017, fil-5.30pm**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Luke Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Skuzati:**

| | |
|---|---|
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |

**Talba:** Il-laqgħa bdiet b'talba.

**1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Il-Viċi-Sindku, Eucharist Camillieri skuzat peress li imsiefer. Il-Kunsill qabel li jiġi skuzat.

**2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tal-Erbgħin (40) laqgħa tat- 8 ta' Novembru**,** 2017 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u dikjarati bħala dokument uffiċjali.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mil-Kunsilliera.**

Is-Sindku beda b'messaġġ dwar il-ħidma tal-Kunsill fl-2017, peress li din hija l-aħħar laqgħa għal din is-sena. Huwa semma is-success ta' l-attivitajiet li saru matul is-sena 2017 u li s-Social Media qed thalli l-frott tagħha dwar x'inhu iwettaq dan il-Kunsill. Hu kompla jgħid li għalkemm hemm id-deficit dan naqas b'ammont kbir u dan huwa grazzi għal għaqal li wera dan il-Kunsill, u l-kunsill issa qiegħed f'pożizzjoni aħjar biex jagħmel aktar xogħol matul is-sena 2018. Is-Sindku rringrazzja lil Kunsilliera għas-support tagħhom għalkemm dejjem konna limitati fir-rizorsi tagħna. Il-Kunsillliera Dr. Josianne Cutajar filwaqt li innotat b' sodisfazzjon li għalkemm xorta waħda għad hemm deficit dan qed jitnaqqas, qalet li importanti li l-Kunsill ikompli jimplimenta mizuri biex tkompli tissahhah l-qaghda finanzjarja tal-Kunsill.

- ***Gemellaġġi:***
  Is-Sindku innota li gew grupp ta 60 minn Cicciano għal Nadur 8K. Kien hemm għajnuna minn proprjetarji ta' farmhouses għal lodging u anke prezzijiet tajbin għal ikel. Il-Kunsill ha hsieb it-transport minn u lejn Airport.

  Is-Sindku kompla jgħid li ġejjin grupp ta' kunsilliera u familji minn Zafferana għal Karnival Spontanju. Is-Sindku għadu ma kkonfermax. Dawn ser ikunu joqgħodu x- Xlendi. Il-Kunsill ser jgħin fejn jidħol transport minn u lejn l-Airport.

- ***Dawl tal-Latrina ta' Daħlet Qorrot:***
  Is-Sindku innota li jrid jinbidel l-inverter sabiex jinxtgħel u għandna zewg options:
  Solarix – Made in Germany - €850
  Syrio Power – Made in China - €700
  Il-Prezzijiet jinkludu VAT, delivery u installazzjoni. Kien hemm qbil li tingħazel il-kwotazzjoni ta' €850 wara parir tekniku.

- ***Skema tal-Lifelong:***
  Is-Segretarja nnotat li bgħatet l-applikazzjoni ta' din l-iskema għal talba ta' imwejjed u siġġijiet.

- ***Zviluppi dwar multa mill-Awtorita tas-Sahha u Sigurta fuq il-post tax-xoghol:***
  Is-Segretarja nnotat li dawn kienu ġew darba oħra qabel u ma gejnix informati x'hemm bzonn isir minn naha tal-Kunsill. X'hin gew it-tieni darba talbu risk assesment report u xi miżuri oħra. Wara l-Kunsill ircieva l-multa. Is-Segretarja gabret kwotazzjoni mingħand Galea & Curmi Eng. għal risk assesment report- €285. Kien hemm qbil fuq din il-kwotazzjoni, li jsiru l-affarijiet meħtieġa kif ukoll li titħallas il-multa. Is-Segretarja ser tkun il-persuna inkarigata minn dak li hemm bzonn isir dwar dan.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- ***Skema għal Ristorazzjoni:***
  Hawnhekk il-Perit indikalna li ma tagħmilx sens napplikaw għal l-Għar tal-Mixta u ppruvajna napplikaw għan-niċċa ta' San Gwann. Il-Kunsill kien wasal pero imbagħad għal xi raguni il-familji ma qablux bejniethom biex jersqu għal kuntratt u ma saritx l-applikazzjoni.

- ***Wi-Fi fil-Librerija***:
  Is-Segretarja nnotat li hi marret tara fuq il-post l-iskola u wi-fi diġa' hemm u allura ma kellniex għalfejn napplikaw. L-aircondition issa twaħħal u dan nofsu kopert minn l-iskema tal-libreriji.

- ***Vacation Leave tal-iskrivan u handyman:***
  Il-Kunsill qabel li jiġi approvat għas-sena 2018 l-ammont pendenti tal-VL tal-iskrivan (69.50 hours) u tal-handyman (287.70 hours). Kien hemm qbil fuq dawn.

- ***Open Street market:***
  Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar innotat li tkellmet mal-President tal-AKL is-Sur Mario Fava, rigward rakkomandazzjonijiet u emendi f'dan ir-rigward. Il-Parir kien biex nibgħatu e-mail lil President tal-AKL u DG tal-Kunsilli Lokali bir-rakkomandazzjonijiet tagħna.

- ***Tender Handyman u Upkeep***:
  Ġie diskuss u maqbul il-kontenut u specifications tat-tender mill-Kunsilliera preżenti. Dan ser jinħareġ fil-ġranet li ġejjin.

**4. Korrispondenza.**

(6040) Bilanc tal-Fondi UIF – 113,042.50 euro

(6041) PQ 2031

(6042) Cirkulari AKL 97/2017- Aġenda tal-Laqgħa tas-Sindki, 15 u 16 ta' Diċembru 2017

(6043) E mail mingħand Parliamentary Secretariat for Persons with Disability and active aging rigward Premju Socjeta Gusta.

(6044) Contracts Circular 19/2017 rigward Blacklisting of Cleaning and Security Services Ltd.

(6045) Cirkulari AKL 98/2017- Ġbir ta' korrispondenza/ statements/ invoices li tikkonċerna lill-Kumpanija Faces

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

(6046) Invitation – Urbact III infoday mingħand EU & international affairs unit Local Government division

(6047) E mail rigward laqgħa mal-Onor Silvio Parnis fil-MGOZ. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar nnotat lil Kunsilliera b'dak li ġie diskuss waqt din il-laqgħa. Hi nnotat ukoll li tkellmet mal-Ministru għal Ghawdex fejn ġie diskuss li qed isiru l-istudji neċċessarji fi Triq l-Imġarr. Hi giet informata ukoll li il-Ministeru għal Ghawdex qed jaraw ukoll ir-residential areas u biex tinforma lil Kunsill jagħmel BOQ tal-kumplement ta' Qortin street u Triq Torri Sopu. Il-Kunsill ser jagħmel kuntatt mal-Perit tal-Kunsill biex jagħmel dawn il-BOQ malajr. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar informat lil Ministru għal Għawdex bl-inizjattiva tat-task force ta' l-Indafa tal-Kunsill u l-Ministru indikat li t-taskforce u l-Kunsill jistghu wkoll juzaw s-servizzi tal-Intervention Unit fi hdan il-Ministeru. Is-Sindku issuġerixxa li t-team tal-Indafa jiltaqa' mal-MGOZ biex jagħtu l-ideajat tagħhom.

(6048) E mail mingħand l-isptar ta' għawdex rigward kors fuq Saħħa Mentali

(6049) Ċirkulari Numru 36/2017 – Onorarju dovut lill-President u Membri Eletti tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-Presidenti tar-Reġjun u s-Sindku.

(6050) Ċirkulari AKL 103/2017 dwar EDIC Seminar

(6051) Ċirkulari AKL 100/2017- Registrazzjoni għat-taħriġ tas-sit elettroniku ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar

(6052) Ċirkulari 35/2017- Addeda għal Ċirkulari Numru 16/2017

(6053) Ċirkulari AKL 104/2017- EDIC Newletter, The Europe Prize

(6054) Contract Circular 20/2017 dwar rates 2018, 2019 and 2020

(6055) Ċirkulari 34/2017- Allokazzjoni Finanzjara għal 2018

(6056) Ċirkulari 36/2017- Onorarju dovut lill President u Membru Eletti tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-Presidenti tar-Reġjuni u s-Sindki

(6057) Cirkulari 37/2017- konsultazzjoni tal-ERA mal-Imsieħba Soċjali

(6058) Cirk AKL M005/2017- Minuti tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

(6059) Cirk AKL 107/2017-EDIC newsletter

(6060) Cirk AKL 106/2017- Kampanja Suq bil-Ghaqal

(6061) Cirk AKL 94/2017- Cirkulari multi mil-Awtorita tas-Saħħa u Sigurta' fuq il-post tax-xogħol

(6062) E mail minghand LESA rigward speed cameras

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

(6063) Ċir AKL 105/2017- kunċert ta' Mużika b'risq id-dar al-Providenza

(6064) E mail mingħand LESA rigward Organisation for an Educational Speech with the public

(6065) Ittra mingħand l-iskrivan rigward il-Qualification Allowance ta' Diploma. Kien hemm qbil fuq dan.

## 5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

- Sitwazzjoni Finanzjarja Kurrenti:

Dan il-ħin kienet preżenti għal laqgha l-Accountant tal-Kunsill. Is-Sindku innota li fl-account tal-Kunsill daħlu €60,000 tal-Proġetti Kapitali. Hu spjega fid-dettal is-sitwazzjoni finanzjaru preżenti lil Kunsilliera. Fil-kont hemm aktar minn €130,000. Jekk inwarrbu is-€60,000, u naqtgħu il-pagamenti kollha taz-zewġ skedi, u naħsbu għal €5,000 extra minħabba paġamenti li jistgħu jinqalgħu, jifdal €25,000. Target tad-Deficit: Deficit Figure sal-aħħar tas-sena kienet €250,000. Jekk nħallsu €15,000 ma nilhquwiex biss b'€10,000 u din is-sena inkunu ddedikajna €57,000 biex innaqqsu id-deficit. End of Year – allura qed ngħidu li nagħlqu is-sena b'madwar €70,000 imwarrbin u dawn jgħinuna għal budgeting tas-sena id-dieħla. Dan meta tikkunsidra li fl-2017 se nkunu ħallasna €57,000 fuq deficit u madwar €50,000 fuq Pjazza kontijiet.

Is-Sindku kompla jgħid li l-Allokazzjoni Finanzjarja 2018 –żieda ta 4%, b'aktar minn €18,000, u anke ser nirċievu €10,000 bħala żona turistika. Urban Improvement Fund - €113K bhala bilanċ. Is-Sindku irrefera bi pjaċir għal NAO Report fuq dawn il-punti:

- Direttur DLG qal li laqgħat ma kunsilli b'deficit hallew il-frott.
- Numru ta Kunsilli bid-deficit tejbu il-qagħda finanzjarja, inkluz in-Nadur.
- Deficit niżel minn €364,000 fl-2014 għal madwar €250,000 fl-2017.
- Current Liabilities niżlu minħabba inqas accrued expenditure u overdrawn balances.
- Deficit fl-income niżel minn €90,000 fl-2014 ghal €20,000 fl-2016.
- L-aktar items li affetwaw l-ispiża kienu depreciation, personal emoluments, kuntratti, bulky u street lighting. L-aktar items li għenu l-ispiza kienu l-infiq inqas fuq repairs, upkeep, information services, professional services u community/hospitality.

L-Accountant tal-Kunsill spjegat ukoll fid-dettal il-Quarterly Report Lulju-Settembru 2017 lil kunsilliera preżenti. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill.

Kien hemm xi kontijiet li ma kienux fuq l-iskeda tal-paġamenti li gew approvati. L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk kollha preżenti.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## 6. Attivitajiet – Jum il-Kunsill (post mortem), Nadur 8K, Milied 2017, Librerija, Karnival 2018;

### *Nadur 8K*

Is-Sindku innota li din kienet suċċess kbir b'rekord ta' parteċipanti. Kellna l fuq minn 160 runner, 100 għal mixja u 100 tfal. Bhala organiżazzjoni giet mfaħħra ħafna pero' irridu niħdu xi deċiżjonijiet minħabba il-kids races biex nevitaw kunflitti. Bhala spejjez ovjament is-somma l-kbira hija Tazzi u Midalji li swew madwar €1,500. Meta taqta' l-ispejjez relatati mid-dħul (inkluż sponsors u lotterija), jiġi li jekk noħorġu biss madwar €300 minn flus il-Kunsill inkunu nistgħu ngħaddu €1000 lil Puttinu. Ovjament il-flus li daħlu online minn paypal se jidħlu direttament fil-kont tal-Kunsill u allura imur kontra paġamenti relatati mal-maratona. Is-Sindku innota ukoll li is-sena id-dieħla se tkun fis-16 ta' Diċembru u ser tissemma – Nadur 8K – The Christmas Run! Kien hemm qbil fuq dan kollu.

### *Jum il-Kunsill 2017:*

- ***Gieħ in-Nadur***: Is-Sindku innota li kien hemm attendenza sabiħa u jidher li invit f'kull dar u messaġġi ħallew effett. Hawnhekk rega kien hemm qbil fuq is-suġġeriment li għamlet fl-aħħar laqgħa l-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud fir-rigward tat-tqassim tac-ċertifikati u rikonoxximenti bħala parti mill-attivitajiet ta Jum il-Kunsill fis-snin li gejjin. Kien hemm qbil li jitqassmu lil dawk li jkun għamlu korsijiet fis-sajf u kif ukoll lil xi nies li għenu lill-Kunsill.

- ***Ħarġa Anzjani***: Dawn kellhom ħarġa sabiħa fejn marru Savina Creations u quddiesa Nazzarenu. L-ikla buffett ġiet apprezzata ħafna u intbgħatet Thank You Card.

- ***Quddiesa Jum Kunsill***: Din kienet ideja tajba li tibda isir is-Sibt filgħaxija u anke l-fatt li wara l-kunsilliera preżenti iltaqgħu wara għal bibita flimkien. Is-Sindku innota li jkun sew kieku naħdmu aktar fuqha bhala serata li tkompli wara l-Quddiesa.

- ***Sports Day Muzew***: Din kienet ukoll suċċess b'aktar partecipanti pero' is-Sindku qal li jemmen li jistgħu jieħdu sehem ferm aktar tfal, speċjalment tfajliet.

- ***Clean Up***: L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Luke Galea ta update fuq l-attivita tal-Clean up u informa li din kienet ta' suċċess ukoll.

- ***Joe Tabone Tournament***: Dawn marru tajjeb ħafna u rebħuh tan-Nadur. Is-Sinjura Antoinette Tabone ppreżentat il-midalji f'din l-attivita'.

- ***Wirja tal-Pastur Malti***: Is-Sindku innota li din kienet ta' suċċess bhal kull wirja li qed titella' fil-kunsill. Il-Kunsilliera Dr.Rita Mifsud fetħet din il-Wirja u informat lil kunsilliera li kienet attivita' eċċellenti li kienet orġanizzata ħafna tajjeb u li għalija attendew ħafna nies.

KUNSILL LOKALI NADUR

## *Milied 2017*

- ***Zjara tal-President*** – Is-Sindku innota li kienet zjara mill-isbaħ u kien hemm numru ta' għaqdiet li taw id-donazzjoni tagħhom ukoll. Is-sorpriża li għamilna lil President fil-Museum ħadmet u kienet suċċess. Is-Sindku wera x-xewqa tiegħu li d-darba li jmiss nlaqquha mas-Sorijiet Frangiskani u anke iżżur il-Museum fi żmien il-Għid.

- ***Santa Claus is coming to Nadur***:- Is-Sindku innota li f'din l-attivita' ser ikun hemm:-
    - 2 characters, crafts station, face painting and tattoos, crocodile slide, bouncing castle, flytrap – €700 mingħand Jump Malta.
    - Crafts ukoll minn Charlie Camilleri li jinvolvu tfal.
    - Stand minn Għaqda Kappillan tal-ħelu Milied u mulled wine.
    - Horse Rides wara li Santa jidħol Pjazza.
    - Tqassim ta' ħelu lit-tfal mingħand Santa Claus.
    - Entertainment jinkludi xi kantanti, Muzew kor, Banda, u xi żfin.
    - Ser jingħata ritratt b'xejn lil kull familja u l-bqija iħallsu għalihom mingħand Hush Studios. Dan ser ikollu bordura bil-logo tal-Kunsill. Ir-ritratti ser jittieħdu bl-għajnuna ta' security u anke permezz ta' queuing system.

- ***Play tal-Museum Subien*** – Din ser issir is-Sibt 16 u l-Ħadd 17 ta' Diċembru.

- ***Inawgurazzjoni Presepju Museum*** – Din ser tkun illum 15 ta' Diċembru fis-7pm.

- ***Inawgurazzjoni Presepju Ħaj –*** Dan ser jiġi inawgurat għada s-Sibt 16 ta' Diċembru fil-5pm.

- ***Purcissjoni Bambin*** – Din ser tkun lejlet il-Milied fis-7pm.

- ***Kuncert fil-Knisja*** – Dan ser ikun bil-Kolloborazzjoni tal-Kunsill fil-Milied fis-7pm.

- ***Hampers***- Inxtraw il-hampers li ser jingħataw lil volontiera u staff bħala ringrazzjament.

- ***Call for Quotation for Christmas decorations in Nadur, Gozo- NLC/22/2017-*** Din ġiet mogħtija lil D Illumination li kien l-uniku bidder, bħala l-unika kwotazzjoni konformi wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

- ***Ħarġa Anzjani*** – Din il-ħarġa kienet ta' suċċess ukoll fejn kien hemm quddiesa fil-Knisja ta' Santu Wistin u wara ħin ta' mistrieħ f'Restaurant.

- **Christmas Open Market** – Dan kien tajjeb ħafna u kien hemm ħafna nies.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

IFFIRMATA<br>Edward Said<br>Sindku

IFFIRMATA<br>Sue-Ellen Bugeja<br>Segretarja Ezekuttiva

### *Attivita' ghat-Tfal fil-Librerija-*

- Din l-attivita'ser issir is-Sibt 16 ta' Diċembru fl-10.00am bi programm mill-isbaħ flimkien mal-Assoċċazzjoni tal-Libreriji. Ser ikun hemm ukoll tqassim ta' kotba. Kien hemm qbil fuq dan.

### *Karnival 2018*

Ser issir laqgħa sotto-kumitat nhar il-Ġimgħa 29 ta' Diżembru fil-5pm. Is-Sindku innota li ser jinħarġu fil-ġranet li ġejjien kwotazzjonijiet tas-sound, security, floodlights, mobile toilets u offerta tas-sistema ġdida tas-sound. Din is-sena l-Kunsill talab l-għajnuna ta' l-indafa lil MGOZ u qed nistennew risposta minn naha tagħhom. Rigward Sponsors qed nistennew risposta mingħand Skema Kultura, u ser nibgħatu lil MGOZ u GSD u V18. Hu kompla jgħid li d-design tal-poster lesta u next week tmur għand il-printer biex tiġi scanned. Bdew deħlin applikazzjonijiet għal entertainment u sa issa ma jidirx li ser ikun hemm karrijiet għal Karnival Orġanizzat. Rigward DJs qed jaħdem is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Michael Camilleri. Għadu ma giex deċiz fuq il-Prezentaturi. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

### 7. Manutenzjoni ta' Toroq:

- Triq il-Qortin – Is-Sindku innota li ser jibda ix-xogħol il-gimgħa id-dieħla.
- Patch Triq Lourdes – Is-Sindku informa lil Kunsilliera li l-Perit tal-Kunsill ser jagħmel stima fuq dan ix-xogħol u jiġi dikuss.
- Rock Garden – Is-Sindku innota li dan irridu naħdmu fuq land devolution għax inkella ma jistax isir ix-xogħol.
- Gebel Daħlet Qorrot – Is-Sindku innota li fuq dan ser ikollna nibagħtu ittra b'avukat lil Lands Department sabiex jirrispondu fuq clearance għax il-permess tal-Mepa imwaħħal minħabba l-Lands Department u hemm il-periklu.
- Update Triq Plier – Is-Sindku informa li għalissa ma jista isir xejn peress li familjari ma qablux.

- **Indafa Pubblika:**

  L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Luke Galea ta' update dwar l-inizzjattivi ta' Nadur Nadif u s-suġġerimenti tagħhom. Is-Sindku innota li beda l-kuntrattur il-ġdid tal-Bulky Refuse u qed isir xogħol tajjeb mill-kuntrattur. Is-Sindku innota ukoll li kien hemm ftit problemi fir-rigward tal-ħaddiema ta' barra tal-CWS u l-indafa li kienu qed jagħmlu huma. Qed issir spezzjoni kuljum fuq ix-xoghol tagħhom u jidher li issa qed jitrangaw l-affarijiet. Fir-rigward tal-bring-in-sites jidher li kemm ilu li hemm CCTV l-abbuż naqqas. Is-Segretarja informat lil Kunsilliera fir-rigward tal-CCTV li jinsabu fil-belveder Fatima tkellmet ma l-Engineer ta' Galea & Curmi Eng. Dan mar fuq il-post u milli jidher il-wires inharqu bin-nar tal-festa. Hu informa lis-Segretarja li jekk dawn jitranġaw ser jerġgħa jiġri l-istess ħaġa. Biex forsi ma jinħarqux irridu jitħaffru l-wires. Kien hemm qbil li għalissa ma jsir xejn.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## 8. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku;

- Talba għal bozza ġdida fi Triq Ħida. Kien hemm qbil u ser titpoġġa fil-lista pendenti.
- Talba għal sement mingħand il-familja Debono mar-rampa minħabba problema ta' ilma mit-triq fi Triq tat-Tarġa.
- Nirranġaw showers fid-dressing room tal-Football Ground.
- Talba għal bankina mingħand familja Cauchi fi Triq il-Knisja.
- Talba għal maintenance fit-Torri ta' Kenuna mingħand GO plc minħabba xi gebel li qed jaqta'.
- Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar gibdet l-attenzjoni li l-bozzoz tal-Partita f'San Blas għadhom miksurin u d-dawl tal-Gnien ta' San Blas għadu mitfi. Il-Kunsill ser jibgħat Electrican jara fuq dawn.
- Il-Kunsillliera Dr. Josianne Cutajar għamlet reminder rigward il-bus shelter tal-Pjazza. Is-Sindku innota li inriedu nistennew kwotazzjoni u disinn ġdid għal din il-bus shelter. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar għamlet reminder rigward il-Festa ta' San Blas li ser tkun fit-28 ta' Jannar. Is-Sindku ser jagħmel kuntatt magħhom.

## 9. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fis-8.00pm. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar l-Ġimgħa 19 ta' Jannar, 2018 fis-5:30p.m u wara jkun hemm l-ikla tal-Milied.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |